MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru. 538/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**DARREN ANTHONY CAUCHI**
**DANIEL JAMES BOWKER**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Darren Anthony Muscat bin Paul u Amata imwieled fit-18 ta' Mejju 1983 u residenti 'Australian Rainbow', Triq G.P.F. Agius De Soldanis, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 450498M) u Daniel James Bowker bin Dennis u Adelina nee Attard imwieled fit-8 t' April 1985 u residenti Ta' Delina, Triq Karolina Cauchi Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita Nru 24218A) gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar id-29 t'Ottubru 2003 ghall-habta tat-8.00 a.m. u fil-gimghat ta' qabel fir-Rabat Ghawdex, ipprovdew jew qassmu xi

sigaretti b'kumpens jew b'kull mod iehor, lil Emily Micallef ta' hmistax-il sena u Caroline Dimech ta' tlettax-il sena, li huma ghalhekk persuni li ma ghalqux it-tmintax il-sena, u dan bi ksur tal-Art.13 tal-KAp 315 (Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lill-minuri Tamara Tabone, Emily Micallef u PS 755.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 13 tal-Kap 315;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti u cioe` mix-xhieda tal-minuri ma giex ippruvat ghas-soddisfazzjoni tal-Qorti li l-imputati qassmu xi sigaretti lil dawn il-minuri u semmai in pessima ipotesi jirrizulta biss li wahda mill-minuri hadet sigarett minghand l-imputat Daniel James minghajr il-konoxxjenza tieghu.

Ghaldaqstant tiddikjara ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------